# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 26 ta' Jannar 2018**

**Numru 6**

**Rikors numru 53/16 JPG**

**Victor u Ersilia konjuġi Buttigieg**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali**

**Preliminari**

**1.** Dawn huma appell prinċipali u appell inċidentali mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-13 ta' Lulju 2017.

**2.** L-Avukat Ġenerali, permezz tal-appell prinċipali tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fir-rigward tat-tieni u tat-tielet

parti tad-*decide* tagħha, limitatament fejn iffissat il-kumpens pagabbli lir-rikorrenti appellati fis-somma ta' €9,000 u fejn ordnatlu jħallas tali ammont lill-istess appellati bl-imgħax dekorribbli mid-data tad-deċiżjoni appellata sad-data tal-effettiv pagament, u minflok tilqa' l-aggravju tiegħu li l-ammont ta' €9,000 huwa eċċessiv; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, in kwantu għall-kap appellat kontra r-rikorrenti appellati.

**3.** Il-konjuġi Buttigieg, permezz tal-appell inċidentali tagħhom qed jitolbu lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn instab li hemm leżjoni, u tirrevoka dik il-parti fejn illikwidat il-kumpens fl-ammont ta' €9,000, u tillikwida minflok somma ogħla; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant prinċipali.

**4.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"**Il-Qorti:**

"Rat ir-Rikors ta' Victor (ID. 679953(M)) u Ersilia (ID. 59153(M)) konjugi Buttigieg datat 3 ta' Gunju, 2016, vide fol 1 et seq, li jaqra hekk;

> *"Illi r-rikorrent kien notifikat b'citazzjoni datata 28 ta' April 1992 intavolata minn certu Pacifiko Bezzina bil-premessi u talbiet hemm kontenuti fejn Bezzina kien qieghed jitlob dikjarazzjoni li l-esponent qabad u ttermina appalt moghti lil Bezzina minghajr raguni valida, talab il-likwidazzjoni ta' l-ammont li kien fadallu jithallas a bazi ta' l-istess appalt, bl-imghax u l-ispejjez. Dan ta lok ghall-proceduri fl-ismijiet Pacifiko Bezzina vs Victor Buttigieg (Cit Nru: 462/92), liema proceduri gew ikkontestati mill-esponent.*
>
> *"Illi d-decizjoni finali fil-kawza hawn fuq indikata, mill-Qorti tal-Appell inghatat fil-5 ta' April 2013 u cioe', wiehed u ghoxrin sena wara l-prezentata tal-att promotur.*

*"Illi r-rikorrenti jissottomettu li dan id-dilungar totalment ezagerat u inutile vvjola d-dritt taghhom ghas-smiegh xieraq hekk kif kontemplat fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.*

*"Illi huwa minnu li ezami ta' dan id-dritt jikkomprendi wkoll ezami tal-kumplessita tal-kaz li jkun in dezamina izda ghandu jirrizulta kjarament illi l-kawza hawn fuq indikata ma kienitx ta' xi komplessita' gravi li twassal ghal dan id-dilungar certament eccesiv.*

*"Illi ghandu jinghad li r-ragonevolezza ta' dewmien ta' proceduri fl-isfond tad-dritt ta' smiegh xieraq jirrikjedi wkoll ezami tad-diffikulta o meno tal-proceduri ordinarji. Minn ezami tal-istess jirrizulta car lill-kontestazzjoni ma kienitx xi wahda fejn kien rikjest xi studju approfondit minn aspett legali jew tekniku.*

*"Illi jinghad ukoll li parti minn dan id-dewmien huwa attribwibbli ghall-fatt li l-kawza kienet qieghda tinstema mill-Prim Awla tal-Qorti Civili izda minn numru sostanzjali ta' Imhallfin differenti u dan anke fuq medda ta' zmien relattivament qasir.*

*"Illi jinkombi fuq l-Istat li jara l-proceduri quddiem il-Qrati nostrani ma jigux dilungati inutilment.*

*"Illi f'dan il-kuntest issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet ta' Bniedem fl-ismijiet Konig vs FRG (Applikazzjoni numru: 6232/73) moghtija fit-28 ta' Gunju 1978 fejn a para 99 insibu s-segwenti:*

> *"99. The reasonableness of the duration of proceedings covered by Article 6 para. 1 (art. 6-1) of the Convention must be assessed in each case according to its circumstance. When enquiring into the reasonableness of the duration of criminal proceedings, the Court has had regard, inter alia, to the complexity of the case, to the applicant's conduct and to the manner in which the matter was dealt with by the administrative and judicial authorities (above-mentioned Neumeister judgement, pp. 42-43, paras. 20-21; above-mentioned Ringeisen judgement, p. 45, para 110). The Court, like those appearing before it, considers that the same criteria must serve in the present case as the basis for its examination of the question whether the duration of the proceedings before the administrative courts exceeded the reasonable time stipulated by Article 6 para. 1 (art. 6-1)."*

*"Illi aktar minn hekk, il-Qorti Ewropeja tezigi wkoll illi mhux sempliciment isir ezami tal-process shih, izda jista' jkun li jkun utili li tintuza lenti aktar specifika sabiex wiehed jara wkoll certu fazijiet ta' dak il-process. F'dan is-sens issir referenza Comingersoll S.A. V. Portugal (Application No. 35382/97) moghtija nhar is-6 ta' April 2000. Dik il-Qorti kienet irriteniet hekk:*

> *"22. As regards the conduct of the judicial authorities, the Court notes, firstly, delays of one year and seven months between the hearing of 13 November 1984 and the judgement of the Lisbon Court of First Instance of 19 June 1986, and four years and eight months between the date when the judge decided that the proceedings on the third-party summons should resume (24 March 1993) and the*

> *order for directions (19 November 1997).* ***Those delays suffice by themselves to justify the conclusion that the length of the proceedings was unreasonable. (enfasi tal-esponenti).”***

*“Illi d-dewmien in kwistjoni ikkawza pregudizzju finanzjarju lill-esponenti peress illi filwaqt illi s-sorte fil-kawza kien ta’ €14,640 (skont is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell) stante li l-esponent gie kkundannat ukoll ihallas l-imghaxijiet mis-7 ta’ Mejju 1992 l-esponenti spiccaw hallsu €24,596 f’imghaxijiet, u dan apparti l-ispejjz tal-kawza. It-total li hallsu l-esponenti fil-fatt ammonta ghal €45,786.71.*

*“Illi ghandu jinghad ukoll in effetti illi b’rizultat tal-mod kif imxew il-proceduri, nonostante li Pacifiko Bezzina fit-18 ta’ Frar 1994 ammetta li kien thallas ammont u kien fadallu biss bilanc ta’ Lm5,481, meta l-Prim Awla tal-Qorti Civili illikwidat l-ammont dovut lil Bezzina bhala pagament ta’ l-appalt jidher li sfuggiela dan il-fatt u llikwidat ammont ikbar, li mbghad rega’ gie mnaqqas mill-Qorti ta’ l-Appell.*

*“Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*“1. Tiddikjara li l-mod kif giet assenjata quddiem Qorti presjeduta minn diversi gudikanti u kif ukoll id-dewmien ta’ wiehed u ghoxrin sena biex gew decizi l-proceduri fl-ismijiet Pacifiko Bezzina vs Victor Butttigieg (Cit Nru: 462/92) jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt ta’ l-esponent ghas-smiegh xieraq hekk kif kontemplat fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.*

*“2. Tiddikjara li minhabba f’din il-vjolazzjoni r-rikorrenti soffrew danni perkunarju.*

*“3. Taghmel dawk l-ordinijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tizgura u t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent fosthom illi tiffissa kumpens pagabbli lill-esponent.*

*“U dan taht dak il-provedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.”*

“Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

“Rat ir-Risposta tal-Avukat Generali datat 5 ta’ Lulju 2016, (vide fol 9 et seq), li taqra hekk;

*“(1) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-esponent stante li jirrizulta li fil-konfront tar-rikorrenti ma kien hemm l-ebda dewmien mhux gustifikat fil-proceduri civili attribwibbli ghall-esponent u ghaldaqstant ma hemm l-ebda ksur a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja da parte tal-esponent;*

*“(2) Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma sehh l-ebda ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ukoll peress li d-dewmien li*

*minnu qeghdin jilmentaw ir-rikorrenti – u li minhabba fih qed jallegaw nuqqas ta' smigh xieraq – jidher li kien anke attribbwibbli lir-rikorrent innifsu stante li r-rikorrent bhala l-konvenut fil-kawza imsemmija kellu kull interess li jsegwi, ihabrek u jinsisti anke permezz tal-avukat tieghu sabiex il-proceduri jithaffew u jigu finalment decizi. Inoltre, jirrizulta mill-verbali tal-kawza imsemmija li kien hemm diversi seduti fejn ir-rikorrent ma deherx quddiem il-Qorti koncernata;*

*"Illi huwa pacifiku li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' process eccediex il-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli huwa l-komplessita' tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir tal-awtorita' jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita' gudizzjarja;*

*"(3) Illi in kwantu li r-rikorrenti qed jitolbu li jigi dikjarat li sofrew lezjoni tad-dritt taghhom taht l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja minhabba d-dewmien taz-zmien biex ikun hemm decizjoni definittiva fuq id-drittijiet civili taghhom, jehtieg li jigi sottolineat li l-kwistjoni dwar id-dewmien ma tistax tigi attribwita lill-esponent, meta kien id-dover esklussiv tar-rikorrent li juri interess serju fil-kawza li kien qed jiddefendi u li jirsisti mal-avukat tieghu sabiex il-proceduri jigu effettivament konkluzi. Fil-fatt, jirrizulta mill-verbali tal-kawza citata li r-rikorrenti li qed jilmentaw dwar id-dewmien anke damu diversi seduti sabiex jaghlqu l-provi taghhom u sabiex jipprezentaw in-Nota ta' Kritika taghhom fir-rigward tar-Relazzjoni tal-Periti Gudizzjarji. Ghalhekk, ma jistghux issa f'dan l-istadju wara li ilhom kwazi passivi ghal dawn is-snin kollha jippretendu li jattribwixxu r-responsabbilita tad-dewmien lill-esponent;*

*"(4) Illi jirrizulta li l-mertu tal-proceduri civili in dezamina kien tekniku u kumpless u ghalhekk il-Perit Legali kien jehtieg l-assistenza ta' Perit Arkitett sabiex jespleta l-inkarigu moghti lilu mill-Ewwel Onorabbli Qorti bil-ghan li jigu stabbiliti diversi konstatazzjonijiet dwar min kien responsabbli ghax-xoljiment tal-appalt; il-hlasijiet dovuti minhabba l-istess xoljiment u l-likwidazzjoni ta' danni. Inoltre, apparti l-fatt li l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat il-fatt li r-rikorrent kien responsabbli ghax-xoljiment tal-appalt in kwistjoni, l-istess Qorti ikkonkludiet dwar il-kwistjoni tal-imghax li:*

> *"Fil-kawza odjerna jirrizulta mill-att li l-konvenut kellu ideja piu o meno tal-ammonti illi kien qed jirreklama l-attur u dan anke fl-istadju tal-mandat ta' inibizzjoni li gie mitlub il-hrug tieghu fejn l-ammont reklamat mill-attur appellat kien ta' ftit aktar minn Lm7,480. Il-konvenut appellant naqas, anke wara li giet deciza il-kawza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, illi jaghmel depozitu gudizzjarju almenu f'dak l-istadju."*

*"(5) Illi dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fl-umli fehma tal-esponent fic-cirkostanzji odjerni, dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficcjenti;*

*"(6) Salv Eccezzjonijiet ulterjuri; jekk ikun il-kaz.*

*"Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kif dedotti fir-Rikors Promotur; bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

“Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kawza;

“Rat illi l-partijiet ipprezentaw nota ta’ sottomissjonijiet u li l-kawza tista’ tithalla ghas-sentenza.

“**Ikkonsidrat:**

“Skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, li tirrifletti dik tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, sabiex jigi stabbilit il-quantum jew il-qies tad-dewmien fil-proceduri, il-Qorti trid tieghu kont ta’ tlett konsiderazzjonijiet, u cioe:-

> “*1.* il-komplessita tal-kaz;
> “*2.* l-imgieba ta' min ikun qed iressaq l-ilment; u
> “*3.* is-sehem tal-awtorijiet koncernati fid-dewmien.[1]

“Dan ghaliex:

> “*il-fattur taz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt imma fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. [ara Applik Nru 1103/6 kontra l-Belgju]*”[2]

“Ghalkemm ma tezisti ebda lista komprensiva li tista' twassal lil Qorti sabiex tiddetermina illi rikorrent ikun sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq minhabba dewmien irragonevoli, jinsab assodat kemm fil-gurisprudenza patrija, kif ukoll dik Ewropeja, illi il-komplessita` tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrenti fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-Qrati fil-kors tal-istess process u x’kellu x’jitlef ir-rikorrenti bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex il-kaz jigi deciz b’mod finali, huma fatturi krucjali illi ghandhom jigu kkonsidrati mill-Qorti.[3]

“Fir-rigward tat-tifsira tal-kuncett “zmien ragonevoli”, il-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta’ diskrezzjonalita` li jhalli f’idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-kawza waslet ghall-gudizzju, kienx ta’ tul tali, li jeccedi dak li hu, jew ghandu normalment jkun accettabbli f’socjeta` demokratika. Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu.[4]

“Huwa dmir tal-Istat li jassigura illi l-process gudizzjarju jimxi minghajr dewmien inutli. Il-Qorti Kostituzzjonali diga kellha l-opportunita’ tosserva illi s-sitwazzjoni ta' Qrati mghobbijin b'volum kbir ta' kawzi hafna drabi

[1] Vide inter alia Sydney Ellul Sullivan vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et, Qorti Kostituzzjonali deciza 28 ta' Jannar 2013.
[2] Anthony Camilleri et vs L-Avukat Generali et, Qorti Kostituzzjonali deciza 28 ta' Settembru 2012.
[3] Zakkarija Calleja vs L-Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali deciza 15 ta' Dicembru 2015.
[4] Emanuela Brincat vs L-Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali deciza 21 ta' Frar 1996, citata b'approvazzjoni anke fil-kuntest ta' proceduri civili fis-sentenza Zakkarija Calleja vs L-Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali 15 ta' Dicembru 2015.

jservi bhala ostakolu ghall-prosegwiment spedjenti tal-kawzi.[5] Il-Qorti tikkondividi l-fehma espressa bosta drabi minn din il-Qorti diversament presjeduta u l-Qorti Kostituzzjonali illi jezisti nuqqas inerenti fis-sistema ghaliex l-awtorita pubblika qed tonqos mid-dmir taghha "...*li tagħmel disponibbli riżorsi biżżejjed biex il-Qorti tkun tista' twettaq id-dmir tagħha.*"[6]

"Il-Qorti Kostituzzjonali ukoll diga kellha l-opportunita' tirrileva illi n-nomina ta' perit legali generalment tfisser fil-prattika illi "...*perjodikament "jinzammu seduti" li matulhom jixhed xi xhud jew tnejn*..."[7]. Ma' dan, il-Qorti zzid ukoll illi bosta drabi dawn is-seduti ma jsirux f'positijiet u b'apparat idoneju ghall-gbir tal-provi. Fil-fatt, il-maggoranza ta' dawn is-seduti isiru fil-kuruturi tal-Qorti, fejn mhux l-ewwel darba li tinqala' l-problema li ma jkunx hemm mejda disponibbli biex tkun tista' ssir is-seduta. Barra minn hekk, numru ta' periti legali/teknici mhumiex mghammra b'apparat idoneju biex jigbru x-xhieda, u ghalhekk ikollhom jiktbu dak li jkun qed jixhed ix-xhud, bir-rizultat illi l-process ikompli jitwal, bil-htiega ta' iktar seduti biex jinstemghu ix-xhieda kollha.

"Mill-atti jirrizulta illi dan kien proprju dak li gara fil-kaz in ezami. Filfatt, l-ewwel seduta inzammet fil-**15 ta' Marzu 1993**, filwaqt li l-ahhar seduta inzammet fl-**10 ta' Mejju 2004**, u cioe **damu jinzammu seduti ghal ftit aktar minn hdax -il sena, pero, tul dan il-perjodu inzammu biss 35 seduta.** Il-Qorti tosserva illi fis-sena **1995 inzammet seduta wahda biss, fis-sena 1997 inzammu biss zewg seduti**, u fis-sena **1998 inzammu 3 seduti**. Minn dawn il-35 seduta, **17 biss gew utilazzati mill-partijiet**, filwaqt li **fit-18 l-ohra, ma sar xejn**. Kwantu ghal **nofs** is-seduti fejn ma sar xejn, it-tort huwa esklussivament tar-rikorrent, ghaliex jew ma kienx deher hu jew ma kienx deher l-avukat tieghu, pero ghandu jinghad illi ghal tnejn minn dawn is-seduti, r-rikorrent ma kienx deher ghax kien kiser saqajh u ghalhekk ma setghax jattendi l-Qorti; darba ohra ghaliex kien rikoverat l-isptar, u ghalhekk kellu impediment legittimu li ostakolah milli jidher ghal dawn is-seduti. Kien hemm ukoll hames seduti fejn ma sar xejn ghaliex iz-zewg partijiet ma dehrux, filwaqt li kien hemm erba' seduti li ma sarux ghaliex ma deherx l-attur f'dik il-kawza jew l-avukat tieghu.

"Inoltre, l-Qorti rat illi **f'dawn il-hdax -il sena, kull ma tressqu kienu total ta' hames xhieda, inkluz il-partijiet inifishom.** Pero, hafna drabi seduta wahda ma kienetx bizzejjed biex jiddiponi x-xhud, u x-xhieda tieghu nfirxet fuq numru ta' seduti. Filfatt, l-ezami tal-Perit Wilfred Debattista dam ghaddej fuq medda ta' tliet seduti, u kien hem bzonn seduta ohra ghal kontro-ezami, filwaqt illi l-ezami tal-attur f'dik il-kawza dam ghaddej circa seduta u nofs, u l-kontro-ezami sar fuq medda ta' hames seduti. Ghandu jigi sottolineat ukoll illi l-kontro-ezami tal-attur kien dam ghaddej minn **Novembru tal-1996 sa' Frar ta' 1999**, **u cioe circa sentejn u nofs.**

[5] Joseph Gatt et vs L-Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali deciza 28 ta' Frar 2014.
[6] Iris Cassar et vs L-Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali deciza 27 ta' Marzu 2015.
[7] Iris Cassar et vs L-Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali deciza 27 ta' Marzu 2015.

"Dan il-gbir ta' provi spezzettat u sporadiku jwassal ghal dewmien inutli fil-kawzi, u huwa d-dmir tal-amministrazzjoni li tizgura li jkun hemm sistema fis-sehh li taghmilha possibli li jinzammu seduti ghal gbir tal-provi b'mod regolari u frekwenti, f'postijiet u bl-apparat idoneju ghal dan l-iskop. Zgur m'ghandux ikun, illi 35 seduta jiehdu hdax -il sena biex isiru, u zgur li m'ghandux ikun hemm bzonn il-perkors ta' hdax -il sena, biex jiddeponu hames xhieda.

"Il-Qorti tinnota wkoll illi ghalkemm il-provi inghalqu fl-10 ta' Mejju 2004 u r-relazzjoni tal-periti gudizzjarji kienet lesta sat-2 ta' Dicembru 2005, **din ir-relazzjoni setghat tinhalef biss fis-7 ta' Marzu 2007, peress illi l-attur f'dik il-kawza kien ghadu ma hallasx l-ammont dovut f'mizati tal-periti ghar-relazzjoni**, u cioe €2,586.49. Dan id-dewmien ghalhekk zgur li ma jistghax jigi attribwit lir-rikorrent.

"Barra minn hekk, kien hemm perjodi ta' inattivita ohra li zgur m'humiex attribwibbli lir-rikorrent. L-ewwel nett, mid-data li fiha kien gie prezentat **ir-rikors guramentat, u cioe fit-28 ta' April 1992 sakemm bdew jinstemghu il-provi, u cioe fil-15 ta' Marzu 1993, kienet diga ghaddiet kwazi sena. Barra minn hekk, wara li r-rikorrent ipprezenta r-rikors tal-appell tieghu fit-3 ta' Novembru 2009, ghal xi raguni dan ir-rikors ma giex imdahhal fl-atti sa Lulju tal-2011, u ghalhekk kien biss wara li lahqu ghaddew sentejn li r-rikors tal-appell setgha jigi nnotifikat lil kontro-parti ghar-risposta.** Sussegwentement ir-rikors tal-appell gie appuntat ghas-smiegh ghas-6 ta' Novembru 2012, **u cioe tliet snin wara li gie prezentat l-appell.** Dan id-dewmien zgur li ma jistghax jigi attribwit lir-rikorrent.

"Ghalhekk, ghalkemm huwa minnu illi d-dewmien in kwistjoni kien parzjalment attribwibbli lir-rikorrent, certament ma jistghax jinghad illi r-rikorrent jahti kompletament jew esklussivament ghat-tul ta' zmien li hadet il-kawza li certament kien irraggonevoli. Dan apparti l-fatt illi indipendentement mill-attegjament ta' xi parti mill-kawza, il-Qorti dejjem tibqa' bl-obbligu generali illi tizgura li l-proceduri gudizzjarji pendenti quddiemha jigu decizi minghajr dewmien irragjonevoli, u ghandha dejjem tiehu dawk il-mizuri neccessarji u ragjonevoli sabiex dan isehh.

"L-Avukat Generali eccepixxa wkoll illi l-proceduri damu ghaliex il-mertu kien kompless, tant illi l-Perit Legali kien jehtieg l-assistenza ta' Perit Tekniku sabiex jespleta l-inkarigu tieghu. Wara li ezaminat il-verbali tal-kawza in kwistjoni, jirrizulta pero illi l-fatti huma kemmxejn different minn kif qed ippingihom l-intimat. Fil-verita, il-Qorti l-ewwel nett kienet hatret Perit Tekniku, u cioe lil AIC Frederick Doublet, u dan kif jidher **fil-verbal tat-18 ta' Jannar 1993**. Il-Perit Legali imbaghad kien inhatar fl-**4 ta' Gunju 1998** wara talba li kien ghamel il-Perit Tekniku. Mill-kontenut tar-relazzjoni u s-sentenza, ma jidhirx illi kien hemm xi punt legali kompless fil-kawza in kwistjoni, tant illi r-relazzjoni u s-sentenza jittrattaw principalment il-fatti tal-kawza u l-kostatazzjoni tal-Perit Tekniku. Filfatt, mid-dicitura tat-talba li kien ghamel il-Perit Tekniku, jidher illi l-Perit Legali x'aktarx kien inhatar sabiex jassisti lil Perit Tekniki fuq kwistjonijiet ta'

procedura legali li kienu jinqalghu waqt is-seduti, bhal per ezempju oggezzjonijiet ghall-produzzjoni ta' xi xhud, aktar milli ghaliex il-kawza kienet titratta xi punt legali kompless. Tant hu hekk, illi l-eccezzjonijiet tar-rikorrent f'dik il-kawza kienu eccezzjonijet fattwali aktar milli eccezzjonijiet ibbazati fuq xi punt tad-dritt.

"Inoltre, l-fatt illi kien hemm bzonn li jigi appuntat Perit Tekniku ma jfissirx awtomatikament illi l-mertu ta' kawza huwa wiehed kompless, ghaliex il-hatra ta' Perit Tekniku hija necessarja f'dawk il-kawzi fejn il-mertu jkun ta' natura tekniku, li anke jekk mhux oggettivament difficli jew kompless ghall-espert, jaqa' barra mill-kompetenza tal-Imhallef sedenti. Barra minn hekk, anke jekk in-natura teknika tal-mertu izzid fil-komplessita tal-kawza, din zgur li ma tistghax tiggustifika l-fatti li l-kawza damet wiehed u ghoxrin (21) sena biex tigi deciza b'mod finali. Dan specjalment meta wiehed iqis illi fattur principali li kkontribwixxa ghad-dewmien ta' din il-kawza kienu perjodi ta' inattivita, u cioe trapass ta' kwazi sena sakemm bdew jingabru l-provi, numru ta' snin fejn kien hemm bejn seduta sa tliet seduti fis-sena, kwazi tliet snin minn meta inghalqu l-provi sakemm inhalfet ir-relazzjoni peritali u tliet snin sakemm gie appuntat l-appell. Ghalhekk din l-eccezzjoni hija certament infondata.

"Il-Qorti pero ma taqbilx mar-rikorrent illi d-dewmien kien b'xi mod attriwibbli ghall-fatt illi matul il-kors tal-kawza il-gudikant inbidel diversi drabi. Dan ghaliex il-provi kienu qed jingabru mill-periti gudizzjarji, li dejjem baqghu l-istess, u ghalhekk it-tibdil fil-gudikant ma jidhirx li kien qed ikollu effett fuq l-andament tal-kawza. Imbaghad minn meta tlesta l-gbir tal-prova sakemm inghatat is-sentenza in prim istanza, il-gudikant dejjem baqa l-istess. Ghalhekk dan l-argument jirrizulta nfondat.

"Ghal dak li jirrigwarda kumpens, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi:

> "[m]***adankollu din il-Qorti hi tal-fehma li f'każijiet bħal dawn fejn jirrigwarda dewmien, il-Qorti Kostituzzjonali ġeneralment ma takkordax danni materjali biex ikopru danni allegatament sofferti imma tagħti kumpens bħala danni morali biex jagħmel tajjeb għal leżjoni kostituzzjonali. Il-Qorti Kostituzzjonali ma takkordax danni ċivili***."[8]

"Il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet Umani taghat indikazzjonijiet specifici f'dak li ghandu x'jaqsam ma likwidazzjoni ekwa tad-danni sofferti kagun dewmien ezagerat fi proceduri gudizzjarji. Gie ritenut filfatt illi somma ta' bejn elf Ewro u elf u hames mitt Ewro ghal kull sena li damu ghaddejin il-proceduri, minn meta gew intavolati sal-gurnata li gew rizolti b'sentenza finali bhala l-figura bazi ghall-kalkolu relevanti.[9]

"Il-figura bazika mbaghad tigi ridotta skont in-numru ta' Qrati li trattaw il-kawza, il-kondotta tar-rikorrenti – in partikolari in-numru ta' xhur jew snin

[8] **Said vs L-Avukat Generali**, Qorti Kostituzzjonali deciza 11 ta' Novembru 2011.
[9] Pizzatti v. Italy, ECHR 62361/00 deciza 10 ta' Novembru 2004.

ta' differimenti li ghalihom ir-rikorrenti huma responsabbli – u wkoll skont il-livell ta' ghejxien tal-pajjiz koncernat.

“Applikati dawn il-principji, is-somma bazika li ghaliha huma ntitolati r-rikorrenti bhala kumpens ghal-lezjoni sofferta minnhom, hija ta' wiehed u ghoxrin elf ewro (€21,000). Dan l-ammont irid pero jitnaqqas sabiex jirrifletti:-

“*1.* Il-fatt illi l-kawza giet trattata minn zewgt iqrati
“*2.* Il-fatt li kien hemm numru ta’ seduti fejn ma sar xejn kagun esklussivament jew parzjalment tar-rikorrenti
“*3.* il-livell ta' ghejxien tal-pajjiz.

“Ghalhekk il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-kumpens dovut lir-rikorrenti huwa ta' disat’elef Ewro (€9,000).

“Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat ghajr eccezzjoni tnejn u tlieta li qed tilqa limitatament, u tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent, u konsegwentement:

“**1. Tiddikjara illi r-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghas-smiegh xieraq hekk kif kontemplat fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem kagun tad-dewmien ta’ wiehed u ghoxrin sena biex gew decizi l-proceduri fl-ismijiet Pacifiko Bezzina vs Victor Buttigieg (Cit Nru: 462/92); u**

“**2. Tiffissa l-kumpens pagabbli lir-rikorrent fis-somma ta’ disghat’elef ewro (€9,000);**

“**3. Tordna lill-intimat ihallas lir-rikorrent is-somma stabbilita mill-Qorti ta’ disghat’elef ewro (€9,000), bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.**

“Bl-ispejjez kollha kontra l-Avukat Generali.”

## <u>Rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali (02.08.2017)</u>

**5.** L-Avukat Ġenerali ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha.

**6.** L-aggravju tiegħu hu li l-kumpens iffissat mill-ewwel Qorti fl-

ammont ta' €9,000 huwa eċċessiv u dan għas-segwenti raġunijiet:

(i) Isostni illi r-rikorrenti appellati stess kienu damu diversi snin biex ressqu l-provi tagħhom (fir-rigward tal-kawża *Pacifiko Bezzina vs Victor Buttigieg*, Ċit. Nru: 462/92 AL), u għalhekk ikkontribwew b'mod sinifikanti għad-dewmien;

(ii) Isostni wkoll illi r-rikorrenti appellati ħadu diversi seduti biex ippreżentaw in-nota ta' kritika tagħhom fir-rigward tar-relazzjoni tal-periti ġudizzjarji. Jagħmel riferenza għall-fatt illi kemm il-perit legali Dr Buttigieg kif ukoll il-perit arkitett Doublet ikkonkludew kontra l-pożizzjoni tar-rikorrent fir-relazzjoni tagħhom tat-2 ta' Novembru 2005 (kif fil-fatt għamlet il-Qorti fil-15 ta' Ottubru 2009); f'dan ir-rigward jargumenta illi minkejja li Victor Buttigieg kien konxju tal-fatt li l-każ seta' jiġi deċiż kontrih, ma ħa l-ebda prekawzjoni sabiex jiddepożita l-ammont pretiż minn Pacifiko Bezzina fl-eventwalita` ta' eżitu sfavorevoli għalih (kif fil-fatt ġara). Għalhekk isostni li għalkemm ir-rikorrenti għandhom jiġu kkompensati għad-dewmien fil-proċeduri ċivili in kwistjoni, l-imgħax li weħlu oltre l-ammont li kien dovut lil Pacifiko Bonnici mhux konsegwenza tad-dewmien, għaliex huma kellhom il-fakolta` li jiddepożitaw l-ammont in kontestazzjoni u b'hekk jevitaw li jeħlu imgħax legali;

(iii) Jgħid illi l-periti ħadu żmien raġjonevoli biex jespletaw l-inkarigu tagħhom u dan meta wieħed jikkonsidra li l-partijiet ma tantx ikkoperaw sabiex jiffaċilitaw u jispeditaw il-proċess ġudizzjarju; apparti li l-appellati ma għamlu l-ebda talba sabiex il-proċess quddiem il-periti jiġi spedit, jew li l-periti jiġu sostitwiti;

(iv) Isostni wkoll illi m'għandux jintesa li l-iskop tad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jiġu stabbiliti *standards*, u li s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' tali *standards* huwa r-rimedju ewlieni.

(v) Finalment jilmenta li l-ewwel Qorti ma tatx id-debita konsiderazzjoni lill-ġurisprudenza lokali f'kawżi simili dwar id-dewmien.

**<u>Risposta tal-appell tar-rikorrenti appellati (17.08.2017)</u>**

**7.** Ir-rikorrenti appellati fl-ewwel lok jenfasizzaw illi l-Avukat Ġenerali appella biss mill-kwantum tal-ammont likwidat mil-ewwel Qorti, u mhux ukoll minn dik il-parti fejn ġie deċiż li kien hemm ksur tad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq fir-rigward tal-proċeduri fl-ismijet Pacifiko Bezzina vs Victor Buttigieg (462/92).

**8.** Fir-rigward tal-appell tal-Avukat Ġenerali jagħmlu s-segwenti kummenti:

- Dwar l-argument tal-Avukat Ġenerali li Victor Buttigieg ma ddepożitax ammont "bħala prekawzjoni" f' każ li l-kawża tiġi deċiż kontrih, jgħidu li l-ammont kien inċert, tant li l-ammont pretiż minn Pacifiko Bonnici ġie mnaqqas sostanzjalment. Isaqsi: bl-istess argument allura l-Avukat Ġenerali ser jiddepożita minn issa l-ammont ta' €9,000?

- Dwar il-ġurisprudenza jargumentaw illi kull każ għandu l-fattispecie tiegħu u għalhekk lista sempliċi ta' kawżi hija odjuża u akkademikament inutili.

**9.** Isostnu illi l-ammont ta' €9,000 mhux talli mhux eċċessiv talli huwa baxx wisq.

**Appell Inċidentali tar-rikorrenti appellati**

**10.** Fl-ewwel lok jissottomettu li l-ewwel Qorti irriteniet li s-somma bażika li għaliha huma intitolati hija ta' €21,000, u illi imbagħad naqqsitu għal €9,000 minħabba tlett raġunijiet, u cioe`:

(i) Il-fatt li l-kawża ġiet ittrattata minn żewġ qrati;

(ii) Il-fatt li kien hemm numru ta' seduti li fihom ma sar xejn minħabba tort esklussivament jew parzjalment ta' Victor Buttigieg;

(iii) Il-livell ta' għixien tal-pajjiż.

**11.** Dwar l-ewwel raġuni (il-fatt li l-kawża ġiet ittrattata minn żewġ qrati) jgħidu li ma jistgħux jifhmu l-loġika tagħha. Huma jsostnu li l-fatt li Victor Buttigieg intavola appell fih innifsu ma jfissirx li dan huwa dewmien ikkaġunat minnu. Isostnu li dak li kellu jiġi ċċensurat fl-istadju tal-appell kien id-dewmien esaġerat mill-intavolar tal-appell sad-data tal-ewwel dehra u l-eventwali deċiżjoni. Isostnu li d-dewmien fl-istadju tal-appell ma kienx ikkaġunat mir-rikorrent. Iżidu jgħidu li fil-fatt il-Qorti tal-Appell naqqset l-ammont likwidat mill-Prim' Awla minn €34,428.35 għal €14,640.87 u għalhekk kien ġust li r-rikorrent utilizza r-rimedju tiegħu tal-appell.

**12.** Dwar it-tieni raġuni ma jikkummentaw xejn, iżda dwar it-tielet raġuni (il-livell tal-għejxien tal-pajjiż) jgħidu li hawnhekk ukoll ma jistgħux jifhmu l-loġika. Jargumentaw illi huwa ben risaput illi sa fejn hu

possibbli, u fejn dikjarazzjoni ta' ksur ta' dritt fundamentali mhux suffiċjenti, il-prinċipju hu li persuna li kellha d-drittijiet fundamentali tagħha leżi għandha titqiegħed fl-istess pożizzjoni li kienet qabel ma seħħet il-leżjoni.

**13.** In konklużjoni jgħidu li t-trapass ta' żmien fil-proċeduri ħalla impatt finanzjarju ferm negattiv fuqhom b'mod li l-imgħax spiċċa jiżboq l-ammont likwidat. Għaldaqstant isostnu li l-kumpens likwidat għandu jkun ogħla u dan anke in omaġġ tal-prinċipju *restitutio in integrum*.

**<u>Il-kawża ċivili rigwardanti ftehim tal-appalt</u>**

"*Pacifiko Bezzina vs Victor Buttigieg*" (Ċit. Nru. 462/92/AL)

**14.** Fit-28 ta' April 1992 Pacifiko Bezzina intavola kawża kontra Victor Buttigieg, liema kawża kienet tirrigwarda ftehim ta' appalt li permezz tiegħu Buttigieg kien qabbad lil Bezzina jibnilu villa fuq plot li jinsab l-Iklin. Permezz tal-imsemmija kawża Bezzina talab lill-Qorti:

> (i) tiddikjara li Buttigieg ittermina tali ftehim ta' appalt unilateralment;
>
> (ii) tillikwida l-ammont bilanċjali dovut lilu għax-xogħol esegwit minnu sad-data tat-terminazzjoni tal-appalt;
>
> (iii) tillikwida wkoll l-ammont dovut lilu in linea ta' danni għax xoljiment "*ad nutum*" da parti ta' Buttigieg; u

(iv) tikkundanna lil Buttigieg iħallsu s-somma totali hekk likwidata, bl-imgħaxijiet u l-ispejjeż kontra l-istess Buttigieg.

**15.** Fil-15 ta' Ottubru 2009, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ikkonkludiet illi Buttigieg ma kienx ġustifikat jittermina l-appalt u li għalhekk l-attur kellu dritt jitħallas mhux biss tax-xogħol esegwit minnu iżda wkoll għall-qliegħ li tilef bħala konsegwenza tat-terminazzjoni tal-appalt. Hija llikwidat l-ammont bilanċjali dovut lilu għall-appalt fis-somma ta' €30,235.48 u l-ammont dovut lilu in linea ta' danni għax-xoljiment "ad nutum" da parti ta' Buttigieg fis-somma ta' €4,192.87. Għalhekk ordnat lil Buttigieg iħallas lil Bonniċi s-somma totali ta' €34,428.35; bl-ispejjeż kif mitluba u bl-imgħax dekorribbli mis-7 ta' Mejju 1992 (id-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni) sad-data tal-effettiv pagament.

**16.** Fit-3 ta' Novembru 2009, Victor Buttigieg appella minn tali deċiżjoni. Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-6 ta' Novembru 2012.

**17.** Fil-5 ta' April 2013 ġie deċiż l-appell. Il-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell ta' Buttigieg limitatament u rriduċiet is-somma li ġie kkundannat iħallas minn €34,428.35 għal €14,640.78, bl-imgħaxijiet mis-7 ta' Mejju 1992; u ċaħditu fil-kumplament. Ordnat lil Buttigieg iħallas 5/6 tal-ispejjeż u lil Bonnici jħallas 1/6.

**<u>Il-kawża kostituzzjonali odjerna</u>**

"*Victor Buttigieg et vs l-AĠ*" (53/16/JPG)

**18.** Fit-3 ta' Mejju 2016 Victor Buttigieg u martu Ersilia intavolaw rikors kostituzzjonali. Huma lmentaw illi bil-fatt li l-proċeduri fir-rigward tal-kawża tal-appalt ħadu xejn inqas minn wieħed u għoxrin (21) sena, huma sofrew preġudizzju finanzjarju konsiderevoli, u dan għaliex filwaqt li s-sorte kien ta' €14,640.78 (kif ridott mill-Qorti tal-Appell), l-imgħaxijiet mis-7 ta' Mejju 1992 telgħu għal €24,596.51.

**19.** Għalhekk talbu lill-Qorti:

> (i) tiddikjara illi l-mod kif il-kawża ġiet assenjata quddiem Qorti presjeduta minn sensiela ta' ġudikanti diversi u kif ukoll id-dewmien ta' 21 sena biex ġew deċiżi l-proċeduri fil-kawża fl-ismijiet "*<u>Bonnici vs Buttigieg</u>*" jammonta għal ksur tad-dritt ta' Buttigieg għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif kontemplat fl-Artikolu 29 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem;
>
> (ii) tiddikjara li minħabba f'tali vjolazzjoni r-rikorrenti konjuġi Buttigieg sofrew dannu pekunjarju; u
>
> (iii) tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fosthom li tiffissa kumpens.

*A. Il-ksur o meno tad-dritt ta' Buttigieg għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli*

**20.** Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili spjegat li l-fattur taż-żmien m'għandux

jiġi determinat fl-astratt iżda fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Irriferiet għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet "*Zakkarija Calleja vs l-Avukat Ġenerali*" fejn ġie spjegat li:

> "*In tema legali jiġi osservat li llum jinsab assodat, kemm fil-ġurisprudenza patria kif ukoll f'dik Ewropeja, li biex jiġi aċċertat jekk it-tul ta' żmien li ħadu l-proċeduri kienx raġjonevoli jew le għall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, għandhom jiġu eżaminati ċ-ċirkostanzi kollha partikolari tal-każ speċjalment il-komplessita` tal-każ li kien qed jiġi deċiż, kif ġab ruħu r-rikorrenti fil-kors tal-proċeduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-qrati fil-kors tal-istess proċess u x' kellu x' jitlef bħala konsegwenza tal-istess proċeduri, oltre, ovvjament kemm effettivament dam biex il-każ jiġi deċiż b'mod finali*[10]*.*"

**21.** Wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha, lill-ewwel Qorti rriżultalha li bil-fatt li l-proċeduri damu għaddejjin 21 sena r-rikorrent sofra ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, u dan anke jekk l-istess rikorrent kien ikkontribwixxa parzjalment għad-dewmien. Hija kkummentat illi indipendentement mill-atteġġjament ta' xi parti fil-kawża, il-Qorti dejjem tibqa' bl-obbligu li tassigura li l-proċeduri pendenti quddiemha jiġu deċiżi mingħajr dewmien irraġonevoli.

*B. Il-kwantum tal-kumpens*

**22.** Għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tal-kumpens għal tali ksur, irreferiet għall-kawża "*Pizzatti v. Italy*" u spjegat kif il-Qorti Ewropeja

[10] Vide **Frydlender v. France** GC no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII

għad-Drittijiet tal-Bniedem fid-deċiżjoni tagħha[11] tat indikazzjonijiet speċifiċi f' dak li għandu x' jaqsam ma' likwidazzjoni ekwa tad-danni sofferti kaġun ta' dewmien esaġerat fi proċeduri ġudizzjarji. Spjegat li ġie ritenut illi s-somma ta' bejn €1,000 u €1,500 għal kull sena li damu għaddejjin il-proċeduri, minn meta ġew intavolati sal-ġurnata li ġew riżolti b'sentenza finali bħala l-figura bażi għall-kalkolu rilevanti. Din il-Qorti ser tiċċita *verbatim* minn dik is-sentenza:

> "*26. As regards an equitable assessment of the non pecuniary damage sustained as a result of the length of proceedings, the Court considers that a sum varying between EUR 1,000 and 1,500 per year's duration of the proceedings (and not per year's delay) is a base figure for the relevant calculation. The outcome of the domestic proceedings (whether the applicant loses, wins or ultimately reaches a friendly settlement) is immaterial to the non-pecuniary damage sustained on account of the length of the proceedings.*
>
> *The aggregate amount will be increased by EUR 2,000 if the stakes involved in the dispute are considerable, such as in cases concerning labour law, civil status and capacity, pensions, or particularly serious proceedings relating to a person's health or life.*
>
> *The basic award will be reduced in accordance with the number of courts dealing with the case throughout the duration of the proceedings, the conduct of the applicant – particularly the number of months or years due to unjustified adjournments for which the applicant is responsible – to the stakes involved in the dispute – for example where the financial stakes are of little importance for the applicant – and on the basis of the standard of living in the country concerned. A reduction may also be envisaged where the applicant has been only briefly involved in the proceedings, having continued them in his or her capacity as heir.* (sottolinejar ta' din il-Qorti)
>
> *The amount may also be reduced where the applicant has already obtained a finding of a violation in domestic proceedings and a sum of money by using a domestic remedy. Apart from the fact that the existence of a domestic remedy is in full keeping with the subsidiarity principle embodied in the Convention, such a remedy is closer and more accessible than an application to the Court, is faster, and is*

[11] **Pizzatti vs Italy**, ECHR 62361/00, deċ 10.11.2004

*processed in the applicant's own language; it thus offers advantages that need to be taken into consideration."*

**23.** Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili applikat dan l-insenjament tal-Qorti Ewropeja għaċ-ċirkostanzi odjerni. Ikkalkulat li l-"*base figure for the relevant calculation*" imsemmija mill-Qorti Ewropeja, fil-każ odjern tiġi €21,000 (€1000 għal kull sena), u wara li qieset is-segwenti fatturi elenkati mill-istess Qorti Ewropeja li għandhom jitnaqqsu mill-"*base figure*", u cioe`:

(i) in-numru tal-qrati li ttrattaw il-kawża (cioe` tnejn),

(ii) il-kondotta tar-rikorrenti (cioe` li kien parzjalment ħati għad-dewmien), u

(iii) il-livell tal-għejxien tal-pajjiż (f' dan ir-rigward ma għamlet l-ebda kumment), ikkalkulat li l-kumpens dovut lir-rikorrenti għandu jkun €9,000.

**24.** Fit-13 ta' Lulju 2017, għaldaqstant, iddikjarat illi effettivament kien hemm ksur tad-dritt ta' Victor Buttigieg għal smigħ xieraq u kkundannat lill-Avukat Ġenerali jħallas is-somma ta' €9,000, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjeż kontrih.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fir-rigward tal-appell u l-appell inċidentali</u>**

**25.** Il-Qorti tibda billi tgħid illi (kif osservaw ir-rikorrenti appellati) mhux ikkontestat da parti tal-Avukat Ġenerali li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali ta' George Buttigieg għal smigħ xieraq kif kontemplat fl-

Artikolu 29 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem. In-nuqqas ta' qbil jirrigwarda l-kwantum tal-kumpens.

**26.** L-Avukat Ġenerali ħass ruħu aggravat bis-sentenza għaliex isostni li l-ammont ta' €9,000 huwa eċċessiv, filwaqt li l-konjuġi Buttigieg ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza għaliex isostnu li l-ammont ta' €9,000 huwa wisq baxx.

**27.** Din il-Qorti ser tikkunsidra d-diversi argumenti li ssollevaw il-partijiet fl-appelli rispettivi tagħhom (mhux neċessarjament fl-ordni li ġew imressqa).

*L-ammont tal-kumpens u l-kwistjoni tal-imgħaxijiet li akkumulaw*

**28.** Ir-raġuni prinċipali għaliex ir-rikorrenti konjuġi Buttigieg qegħdin jilmentaw li l-ammont ta' €9,000 huwa baxx wisq huwa abbażi tal-fatt li l-imgħaxijiet fuq 21 sena telgħu għal €24,596.51 (€14,640.78[12] x 8% x 21). Din il-Qorti tibda' biex tagħmilha ċara illi l-ammont illikwidat mill-ewwel Qorti ma kienx għal telf pekunjarju peress li dan ma rriżultalhiex.

**29.** L-ewwel Qorti fil-każ odjern f'dan ir-rigward għamlet riferenza

[12] l-ammont likwidat bħala sorte

għas-sentenza fil-kawża fl-ismijiet "*John A Said pro et noe vs l-Avukat Ġenerali.*"[13] F'dik is-sentenza fil-fatt kien ġie spjegat għaliex il-kwistjoni tal-imgħaxijiet li jkunu akkummulaw ma kinitx tiġġustifika l-għoti ta' kumpens pekunjarju. Din il-Qorti jidhrilha li huwa opportun tikkwota l-insenjament tagħha f'dan ir-rigward:

> "*Kwantu għas-sottomissjoni tal-appellant li hu ser jeħel aktar imgħax inħabba d-dewmien fl-għoti tas-sentenza, din il-Qorti tirrileva li l-konvenut fis-sentenza ċivili jiġi kkundannat iħallas l-imgħax appuntu minħabba dewmien fil-pagament tas-somma li tiġi likwidata mill-Qorti. F' dan il-każ il-parti tas-sorte li r-rikorrent ġie kkundannat mill-Prim' Awla li jħallas baqgħet għandu u hu baqa' jgawdi dawk il-flus minn 1998, meta nfetħet il-kawża, sad-data tal-eventwali pagament.*"[14]

**30.** Issir riferenza ukoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-proċeduri mertu tal-ilment kostituzzjonali stess (Ċit. Nru. 462/92/AL) fejn Buttigieg jidher li kien diġa issolleva l-kwistjoni tal-imgħaxijiet. Il-Qorti tal-Appell kienet ikkummentat illi huwa *piu o meno* kellu idea tal-ammont li kien qed jirreklama Bonnici, u Buttigieg naqas li jagħmel depożitu ġudizzjarju. Fi kwalunkwe każ spjegat illi l-imgħaxijiet qegħdin hemm biex jagħmlu tajjeb għall-inflazzjoni.

> *"Fil-kawża odjerna jirriżulta mill-atti li l-konvenut kellu idea piu` o meno tal-ammonti illi kien qed jirreklama l-attur u dan anke fl-istadju tal-mandat ta' inibizzjoni li ġie mitlub il-ħruġ tiegħu, fejn l-ammont reklamat mill-attur appellat kien ta' ftit aktar minn Lm7,480. Il-konvenut appellant naqas, anke wara li ġiet deċiża l-kawża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, li jagħmel depożitu ġudizzjarju almenu f'dak l-istadju. Fir-rikors tal-appell huwa ilmenta li mhux ġust li jiġi ppremjat l-attur appellat għad-dewmien fil-kawża (li skont hu ma kienx imputabbli lill-partijiet) billi dan jitħallas l-imgħaxijiet fuq medda ta' għoxrin sena. Il-Qorti pero` tfakkru illi bit-*

[13] 11/11/2011
[14] Ibid #30

*trapass ta' dan il-perjodu twil huwa se jkun gawda mill-benefiċċju (f'dan il-każ) tal-inflazzjoni!"*

**31.** Mingħajr ma tidħol fil-kwistjoni dwar jekk messu jew ma messux il-konvenut Buttigieg iddepożita xi kawtela, din il-Qorti tenfasizza l-fatt illi il-valur li kellha s-somma ta' €14,640.78 fl-1992 huwa ferm inqas mill-valur li kellha tali somma fl-2013. Skont l-indiċi tal-inflazzjoni, il-valur ta' tali somma fl-2013 huwa fil-fatt ekwivalenti għal €25,268.588[15] fl-2013. Issa l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% huma intiżi biex jikkumpensaw mhux biss għall-inflazzjoni imma wkoll għad-dħul li seta' għamel l-attur mis-somma dovuta li kieku investiha.

*Il-fatt li l-ewwel Qorti qieset li l-proċeduri kienu jinvolvu żewġ qrati*

**32.** Ir-rikorrenti appellati jilmentaw mill-fatt li waħda mir-raġunijiet għaliex l-ewwel Qorti naqqset mill-"*base figure*" ta' €21,000 (fuq imsemmi) kien għaliex il-proċeduri tal-kawża 462/92 kienu jinvolvu żewġ qrati: il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Appell. Jargumentaw illi l-fatt li l-kawża marret fl-appell ma kellux jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-kumpens ġialadarba ċittadin huwa ġustifikat li juża l-mezzi kollha disponibbli għalih. Iżidu li l-appell intavolat minn Victor Buttigieg kien fil-fatt wieħed fondat għall-aħħar, u dan stante li l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti ġie ridott minn €34,428.35 għal €14,640.78. Għalhekk

[15] Dan qed jingħad peress li skont l-indiċi tal-inflazzjoni, is-sena 1992 kellha l-indiċi ta' 475.89 u s-sena 2013 kellha l-indiċi ta' 821.34

isostnu li se mai dak li kellu jiġi ċċensurat fl-istadju tal-appell kien id-dewmien esaġerat mill-intavolar tal-appell (3 ta' Novembru 2009) sad-data tal-ewwel dehra (6 ta' Novembru 2012) u l-eventwali deċiżjoni (5 ta' April 2013).

**33.** Huwa minnu li kien hemm dewmien ta' tlett snin (3) bejn meta ġie intavolat l-appell u meta l-appell ġie appuntat għas-smigħ (għalkemm wara li ġie appuntat il-Qorti tal-Appell imbagħad tat id-deċiżjoni tagħha fi żmien ħames (5) xhur biss). L-ewwel Qorti pero` ġia ħadet dan id-dewmien in konsiderazzjoni. Hija fil-fatt aċċennat għall-fatt li din il-Qorti Kostituzzjonali stess diġa kellha l-opportunita` tosserva li s-sitwazzjoni tal-qrati mgħobbijin b'volum kbir ta' kawżi spiss iservi bħala ostaklu għall-prosegwiment spedjenti tal-kawżi. Irreferiet ukoll għall-kumment li għamlet din il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħija minnha fis-27 ta' Mejju 2015 fil-kawża fl-ismijiet **Iris Cassar et v. Avukat Ġenerali**, fejn qalet li barra d-dmir tal-Qorti li tmexxi l-kawżi b'ħeffa u effiċjenza, u barra d-dmir tal-partijiet li ma jkunux inerti, hemm ukoll id-dmir tal-awtorita` pubblika li tagħmel riżorsi biżżejjed biex appuntu l-Qorti tkun tista' tagħmel id-dmir tagħha.

**34.** Għaldaqstant l-ewwel Qorti qieset il-fatt li l-kawża marret quddiem żewġ livelli ta' qrati bħala raġuni għaliex kellha tnaqqas mill-ammont ta' €21,000 għaliex ovvjament ladarba kawża tiġi appellata l-proċeduri

neċessarjament jitwalu, anki jekk l-appellant kellu kull dritt li jirrikorri għall-Qorti tat-tieni istanza. Fl-istess ħin l-ewwel Qorti qieset ukoll bħala fattur kontributorju l-fatt li kien hemm nuqqas da parti tal-awtorita` pubblika biex tipprovdi riżorsi biżżejjed sabiex ma jkunx hemm staġnar tal-proċeduri bejn l-istadju tal-ewwel istanza u dak tal-appell u dan wassalha għall-ammont inizjali ta' kumpens ta' €21,000.

*Il-fatt li l-ewwel Qorti kkunsidrat il-livell tal-għejxien tal-pajjiż*

**35.** Ir-rikorrenti appellati jgħidu li ma jistgħux jifhmu r-raġunament tal-ewwel Qorti li din tirriduċi ukoll mill-ammont ta' €21,000 dik is-somma li jidhrilha li għandha tirriduċi tenut kont tal-livell tal-għixien tal-pajjiż. Jilmentaw illi kieku kellu jitħalla jimmanifesta ruħu dan ir-raġjonament, allura tkun qed issir diskriminazzjoni bejn iċ-ċittadini skont il-pajjiż fejn jirrisjedu għall-istess vjolazzjoni.

**36.** Jiġi mfakkar li l-kwistjoni tal-livell tal-għejxien tal-pajjiż kien wieħed mit-tlett fatturi elenkati mill-Qorti Ewropeja fil-kawża **Pizzatti v. Italy**, fuq ċitata, li abbażi tagħhom għandu jkun hemm tnaqqis mill-"*base figure",* (li f'dan il-każ huwa €21,000) u din il-Qorti taqbel li dan hu fattur relevanti meta tiġi biex tisstabilixxi l-kumpens dovut f'Malta. Huwa meta f'pajjiżi differenti b'livell ta' għixien differenti jiġi stabbilit kumpens identiku li verament tavvera ruħha d-diskriminazzjoni.

*Il-kontribuzzjoni ta' Victor Buttigieg stess għad-dewmien*

**37.** L-intimat appellant da parti tiegħu jilmenta li l-ewwel Qorti ma tatx id-"*debita konsiderazzjoni*" lill-fatt illi jirriżulta mill-atti tal-kawża ċivili li Victor Buttigieg kien ikkontribwixxa għad-dewmien. Fil-fatt, kif fuq spjegat, il-kontribuzzjoni o meno tal-istess rikorrent għad-dewmien hija waħda mill-fatturi li triq tiġi kkunsidrata meta l-Qorti tiġi biex tillikwida l-kumpens għall-ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq.

**38.** Din il-Qorti qieset illi minn 35 seduta li nżammu fuq medda ta' 11-il sena (cioe` medja ta' 3 fis-sena), 17 biss ġew utilizzati mill-partijiet, filwaqt li fit-18 l-oħra ma sar xejn. Fir-rigward ta' dawn it-18-il seduta fejn ma sar xejn, 4 minnhom ma sarux għaliex ma dehrx Pacifiko Bonnici jew id-difensur tiegħu, 5 minnhom ma sarux għaliex ma deher ħadd mill-partijiet, u fir-rigward tar-rimanenti 9 seduti, it-tort kien esklussivament tal-konvenut Buttigieg. Anke jekk fi 3 minn dawn id-9 seduti kien indispost minħabba raġunijiet ta' mard u allura dan kien impediment leġittimu, jibqa' l-fatt li kien hu li kkontribwixxa għad-dewmien, li abbażi tiegħu qed jallega li inkiser id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq, u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn it-tlett seduti wkoll kellhom jittieħdu in konsiderazzjoni (ħaġa li ma jidhirx li għamlet l-ewwel Qorti).

**39.** Dwar ir-rapport tal-perit legali Dr J M Buttigieg u l-perit tekniku l-AIC Frederick Doublet, il-periti ħalfu r-rapport tagħhom fis-7 ta’ Marzu 2007 u fil-25 ta’ Ġunju 2008 in r-rikorrent Buttigieg ingħata żmien biex jeżamina r-risposti u rriserva li jagħmel nota ta’ kritika sas-seduta li jmiss u l-kawża ġiet differita għall-21 ta’ Jannar 2009. F’din l-aħħar data ir-rikorrent Buttigieg la deher u lanqas ippreżenta nota ta’ kritika u għalhekk l-ewwel Qorti ddiferixxiet il-kawża għas-sentenza għat-30 ta’ April 2009. Fil-11 ta’ Marzu 2009 Buttigieg talab is-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex skont kif dekretat mill-Qorti fis-seduta tat-3 ta’ Marzu 2007 issir in-nomina ta’ periti perizjuri iżda b’digriet tat-30 ta’ April 2009 il-Qorti, wara li ppreċiżat li s-seduta kienet tas-7 u mhux tat-3 ta’ Marzu 2007, ċaħdet it-talba ta’ Buttigieg għan-nomina ta’ periti perizjuri peress li huwa ma ppreżentax nota għal dan il-għan ai termini tal-Artikolu 677 tal-Kap 12, iżda laqgħet it-talba għas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex huwa jkun jista’ jippreżenta n-nota tas-sottomissjonijiet tiegħu. Fl-1 ta’ Ġunju 2009 huwa ppreżenta n-nota tas-sottomissjonijiet.

**40.** Għalhekk Buttigieg kaxkar saqajh għal żmien konsiderevoli anke biex jagħmel in-nota ta’ kritika u għalhekk inħliet sena oħra, li l-ewwel Qorti ukoll ma jidhirx li qieset.

**41.** Għalhekk għal dak li jirrigwarda riduzzjoni mill-“*base figure*” ta’ €21,000 minħabba kontribuzzjoni għad-dewmien da parti tar-rikorrent

stess, din il-Qorti, in vista tal-fatt li l-ewwel Qorti ma jidhirx li qieset is-seduti li ma sarux minħabba indispożizzjoni medika tiegħu, u ż-żmien li tawwal biex jippreżenta n-nota ta' kritika tiegħu, hija tal-fehma li l-ammont ta' €9,000 li waslet għalih l-ewwel Qorti għandu jitnaqqas ulterjorment għal €7,000.

*Is-sejbien ta' "standards" – rimedju ewlieni*

**42.** L-Avukat Ġenerali ikkummenta li l-iskop tad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali hu sabiex jiġu stabbiliti *standards* u li s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' tali *standards* huwa r-rimedju ewlieni.

**43.** Dan pero` ma jfissirx li s-sejbien tal-vjolazzjoni jibbasta sabiex tiġi riparata l-vjolazzjoni sofferta. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għad-deċiżjoni mogħtija minnha fit-3 ta' Frar 2012 fil-kawża fl-ismijiet **Vica Ltd v. Kummissarju tal-Artjiet et** fejn irriteniet:

> *"Din il-Qorti, iżda, tirritjeni li f'każijiet bħal dak odjern il-proċeduri kostituzzjonali għandhom il-għan illi jindirizzaw il-leżjoni tad-dritt fundamentali billi kemm jista' jkun ipoġġu liċ-ċittadin f' pożizzjoni daqs li kieku dan il-ksur qatt ma seħħ. Jekk wieħed irid jitkellem fuq standards allura dak stabbilit minn din il-Qorti f'każijiet simili hu fis-sens li għandu jingħata kumpens pekunjarju għal-leżjoni sofferta."*

*Il-ġurisprudenza ċitata mill-Avukat Ġenerali*

**44.** Finalment, din il-Qorti taċċenna għal dik il-parti tar-risposta tar-rikorrenti appellati għar-rikors tal-appell tal-intimat, fejn huwa għoġbu jelenka xi ġurisprudenza rigwardanti kawżi ta' ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq minħabba dewmien irraġonevoli u l-kumpens relattiv li ġie likwidat

f'kull każ. Skont il-kawżi ċitati minnu l-massimu tal-kumpens li ingħata għal dewmien irraġjonevoli (ta' iktar minn 20 sena) ma jeċċedix is-somma ta' €3,000.

**45.** Ir-rikorrenti appellati jargumentaw illi kull każ għandu l-fattispecie tiegħu u għalhekk li tiġi elenkata lista ta' kawżi bl-ammont tal-kumpens relattiv li ingħata fihom, huwa akkademikament inutli.

**46.** Din il-Qorti fil-fatt taqbel illi l-kwantum tal-kumpens għandu jiġi kkalkulat wara li l-Qorti tkun ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ. Il-kumpens ma jiġix likwidat fl-astratt, abbażi biss tan-numru ta' snin li tkun twalet il-kawża. U għalhekk mhux il-każ li l-Qorti tara x' kumpens ingħata f'kawżi oħra abbażi biss tas-snin u tapplika valur simili. Fil-fatt fil-kawża **Iris Cassar v. Avukat Ġenerali** (fuq ċitata) għal proċeduri li ħadu għoxrin sena, l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili illikwidat il-kumpens fl-ammont ta' €5,000 u l-Qorti Kostituzzjonali illikwidatu għal €8,000. Din il-kawża ma ssemmietx fost il-kawżi elenkati mill-intimat appellant).

**<u>Decide</u>**

**47.** Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tiċħad l-appell inċidentali tar-rikorrenti appellati il-konjuġi Buttigieg, u tilqa' (biss limitatament) l-appell tal-Avukat Ġenerali billi tirriduċi l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti bħala kumpens għall-ksur tad-dritt ta' Victor Buttigieg għal smigħ

xieraq minħabba dewmien irraġonevoli, minn disat elef euro (€9,000) għal sebat elef (€7,000).

**48.** L-ispejjeż tal-appell prinċipali għandhom jitħallsu kwart ($^{1}/_{4}$) mir-rikorrenti intimati u tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-intimat appellant Avukat Ġenerali.

**49.** L-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom jitħallsu mir-rikorrenti intimati l-konjuġi Buttigieg.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df